# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org


20 ta' Ġunju 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 80/2008

## INDULĠENZJA PLENARJA FIS-SENA PAWLINA

Ċirkolari tal-Kurja ta' l-Arċisqof dwar is-Sena Pawlina li se tiġi ċċelebrata bejn it-28 ta' Ġunju ta' din is-sena u d-29 ta' Ġunju 2009 f'għeluq l-elfejn sena mit-twelid ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, tgħid li b'rabta ma' din is-Sena l-membri tal-Knisja jistgħu jirbħu Indulġenza Plenarja, bil-kondizzjonijiet tas-soltu dwar sehem fis-Sagrament ta' Qrar u Tqarbin u talb skond il-fehma tal-Papa, f'dawn iċ-ċirkostanzi:

- Żjara forma ta' pellegrinaġġ fil-Bażilika ta' San Pawl "fuori le Mura", f'Ruma, matul iż-żmien tas-Sena Pawlina. Matul iż-żjara fil-Bażilika, dawk li jridu jirbħu l-Indulġenza Plenarja għandhom jgħidu l-"Missierna" u l-Kredu u xi invokazzjonijiet lill-Madonna u lil San Pawl, f'għaqda mat-tifkira ta' San Pietru, quddiem l-Altar tal-Konfessjoni, minbarra t-talb privat tagħhom quddiem l-Altar tas-Sagrament.

- Sehem b'devozzjoni f'funzjoni reliġjuża jew eżerċizzju ta' pjetà li jsiru pubblikament: a) f'kull knisja fil-ftuħ u l-għeluq solenni tas-Sena Pawlina; b) fi ġranet oħra determinati mill-Isqof tal-post f'postijiet sagri msemmija għal San Pawl u f'postijiet oħra stabbiliti mill-Isqof tal-post. Għal Malta, Monsinjur Arċisqof iddetermina it-tielet Erbgħa ta' kull xahar bħala dawn il-ġranet, u stabbilixxa l-Gżejjer ta' San Pawl bħala post ieħor minbarra l-postijiet sagri msemmija għal San Pawl fejn tista' tintrebaħ din l-Indulġenza.

- Il-morda, u dawk li għal raġuni oħra serja u leġittima ma jistgħux joħorġu minn djarhom, jistgħu jirbħu l-Indulġenza Plenarja, jekk jingħaqdu spiritwalment ma' xi ċelebrazzjoni tal-Ġublew, joffru lil Alla t-talb u t-tbatija tagħhom għall-għaqda ta' l-Insara, u jkollhom il-fehma li, malli jkunu jistgħu, iħarsu t-tliet kundizzjonijiet tas-soltu dwar is-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin u talb skond il-fehma tal-Papa.